**Ref: Seduta 35_20-08-08 V**

## MINUTI TAL-ĦAMES U TLETIN SEDUTA

**Il-ħames u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 20 ta' Awissu 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea** |
| **Skużati:** | **Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:05 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 34_16/07/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

### 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 34_16/07/08

L-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 34_16/07/2008 ġew proposti mis-sindku M. Arrigo u ssekondati mill-kunsillier J. Galea. Il-kunsilliera preżenti l-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. A. Azzopardi, M. Briguglio u M. Debono ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Il-kunsillier M. Briguglio reġa rrefera għall-iskart li qiegħed iħalli s-*Surfside* fil-*promenade*. Is-segretarju eżekuttiv informa li kien għamel diversi rapporti lill-pulizija. Il-kunsill għandu jinforma lill-uffiċċjal awtorizzat tal-gwardjan lokali sabiex jibgħat lill-uffiċjali pajżana dwar l-ambjent, l-iktar fil-ħinijiet wara li jagħlaq.

2.2 Il-kunsillier M. Briguglio irrimarka wkoll li hemm min qiegħed jitfa' l-iskart fil-baħar, in-naħa ta' Qui-si-sana.

*Daħlet il-kunsilliera M. Aquilina għas-seduta fl-4.15pm*

Saret diskussjoni dwar l-*beach concession*. Il-kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn jinfurmah li la darba l-lukanda *Holiday Inn* kienet waqgħet, li l-*beach concession* kienet ingħatat lilhom, issa din għandha titneħħa.

2.3 Il-kunsillier M. Debono irrimarka li hemm *kiosk* ibiegħ *hamburgers* ġewwa Triq Parisio ma' Triq Kurunell Savona. Il-kunsill għandu jiċċekkja dwar dan.

2.4 Il-kunsilliera M. Aquilina irrimarkat dwar it-trukkijiet tal-ħaxix li qegħdin ikunu fi Triq Dingli Circus fejn ipprovdiet xi ritratti wkoll. Is-sindku M. Arrigo infurmat li l-kunsill għamel diversi rapporti lill-pulizijia. Il-kunsill għandu jiċċekkja jekk għandux permess għat-tlett trukkijiet l-oħra.

2.5 Issemma wkoll li qegħdin nirċievu wisq ilmenti dwar il-ħmieġ li qegħdin iħallu l-istudenti ta' l-iskejjel. Il-kunsill kien diġa avża lill-MTA dwar din il-problema.

2.6 Il-kunsillier M. Debono rraporta li hemm parti mit-triq fejn djieqet il-bankina fi Triq Annunzjata ma' Triq Santa Rita fejn għadu ma ngħatax tarmac li hemm bżonn issir.

2.7 Il-kunsillier M. Briguglio irrimarka dwar il-*Galaxy* li ħallew *barrier* u li kienet tneħħiet il-*letter box* li kienet fil-kantuniera ta' Triq Sant' Injazju ma' Triq Depiro.

2.8 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni biex jerġgħu jsiru korsijiet dwar il-*beading* u kompjuter. Dwar il-korsijiet tal-kompjuter is-segretarju eżekuttiv informa li kien iċċekkja dwar l-*email* li kien bagħat il-Ministeru tat-Teknoloġija dwar il-korsijiet. Is-segretarju eżekuttiv ta' spjeggazzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-ittra tagħhom. Il-kunsill ra li mhux se jkun jaqbel u ddeċieda li l-korsijiet tal-kompjuter għandhom jibdew f'Ottubru filwaqt li jsiru bl-istess mod kif kienu saru fil-passat. Dwar il-korsijiet tal-*beading* għandhom jibdew f'Ottubru wkoll.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza kollha mibgħuta mil-kunsilliera u mir-residenti rigward il-proġett *Fort Cambridge*. La darba l-kunsill kien *objector* għal dan il-proġett il-kunsill ikun jista jissottometti l-appell tiegħu permezz ta' l-avukat. Ġie diskuss il-fatt li l-permess ħareġ għal għoxrin sular meta u fid-*development brief* jgħid mhux iżjed minn sittax-il sular li tinkludi *penthouse*. Ġie irrimarkat dwar Triq Censu Xerri kif ittieħdet. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għadu ma' rċeviex risposta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar dan. Il-kunsill għandu jkellem lill-avukat biex jagħmel l-appell tiegħu.

Il-kunsillier M. Briguglio għadda mozzjoni biex il-kunsill jagħmel appell kontra l-permess li ħareġ ta' *Fort Cambridge* minħabba li d-*development brief* jgħid sittax-il sular li jinkludi *penthouse*, meta l-permess ħareġ għal għoxrin sular u mhuwiex skond id-*development brief*.

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mil-kunsillier M. Debono. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Azzopardi, M. Aquilina u J. Galea ivvotaw favur din il-mozzjoni. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis astjena. Il-mozzjoni għaddiet.

3.2 Is-segretarju eżekuttiv ressaq l-korrispondenza mibgħuta lill-kunsill dwar PA 6269/06 dwar l-iżvilupp ta' Triq Milner u Guże Howard.

*Daħal fis-seduta l-kunsillier N. Dimech fl-4.40pm.*

Dwar PA 6269/06 il-kunsill kien għamel l-oġġezzjoni tiegħu u s-segretarju eżekuttiv kien ikkonferma mal-MEPA li huwa rikonoxxut bħala *objector*. Il-kunsill qabel li permezz ta' l-avukat il-kunsill għandu jgħaddi l-kummenti addatti mil-korrispondenza tas-Sur M. Vella lill-MEPA. Il-kunsillier N. Dimech ippropona li l-kunsill għandu jagħmel l-appell tiegħu. Ġie issekondat mil-kunsiliera M. Aquilina. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Azzopardi, M. Briguglio, M. Debono u J. Galea ivvottaw favur. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis astjena. Il-mozzjoni għaddiet. Qabel ma jagħmel l-appell il-kunsill għandu jiltaqa' ma' l-avukat I. Gatt sabiex il-kunsill jara l-aħjar punti. Is-segretarju eżekuttiv semma l-importanza li jkun hemm il-kunsilliera kollha preżenti għal din l-laqgħa. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

3.3 Is-segretarju eżekuttiv ressaq korrispondenza mill-iżviluppatur ta' *Fort Cambridge* minħabba li l-kunsill mhux qiegħed jagħti permessi kif nagħmlu ma' kuntratturi oħra u li qegħda tinħoloq diskriminazzjoni magħhom, fejn reġgħu rreferu għat-talba ta' *loading/unloading*. Il-kunsill kien ħa deċiżjoni li ma jagħtix permessi minħabba li jistgħu jaħdmu mis-sit tagħhom. Dan il-każ kien ġie rriferut lill-avukat tal-kunsill fejn issiġġerixxa li għandu jsir rapport mill-perit tal-kunsill għas-spejjeż tal-GAP stess. Skond ir-rapport tal-perit Bezzina dawn ma' jistgħux jaħdmu mis-sit tagħhom u ma hemmx alternattivi oħra. Wara dan skond il-parir ta' l-avukat kien li jekk ma nagħtux permessi jista jkun hemm konsegwenzi legali, minħabba li issa għandna bil-miktub li ma jistgħux jaħdmu minn ġewwa.

Is-sindku M. Arrigo ipproponiet li biex ma tinħoloqx diskriminazzjoni, il-permessi għandhom jingħataw kif jingħataw lill-kuntratturi u residenti oħra li jitolbu permess. Dan ifisser li jkun fuq bazi ta' min jiġi l-ewwel u li jekk inkun hemm ħadd ieħor fl-area ta' triq Tigne ma jkunx jista jinħareġ il-permess. Li l-permessi jingħataw ġimgħa b'ġimgħa, u li jkun hemm bżonn ta' gwardjan lokali minħabba li s-sit propost qiegħed f'kantuniera. Ġiet issekondata mill-kunsillier N. Dimech. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Azzopardi, M. Briguglio, M. Debono u J. Galea ivvotaw favur. Proposta għaddiet.

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal xi korrispondenza minn xi resident. Is-sindku M. Arrigo qalet li mhux sewwa li uħud minn dawn ir-residenti jibgħatu ċertu korrispondenza b'insinwazzjonijiet li l-kunsill huwa favur il-proġetti jew li ma jagħtix kontribut siewi f'affarijiet li jirrigwardaw lill-kunsill jew li jsiru akkużi serji kontra l-kunsill. Is-sindku M. Arrigo qalet dawn huma inġusti għall-membri tal-kunsill kollha għaliex kulħadd jagħti s-sehem tiegħu għal beneffiċċju tar-residenti.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza tas-Sinjura Astrid Vella dwar ir-

*review* ta' *local plans* ta' Triq Milner, dwar il-*building heights* u l-klassifikazzjoni tat-toroq. Kien hemm qbil unanimu li l-*Urban Conservation Area* m'għandux jikber aktar filwaqt li għandha tintbagħat ittra lil MEPA fejn fost il-punti jissemmew ukoll il-klassifikazzjonijiet tat-toroq.

3.5 Dwar ir-*residents parking scheme,* l-ADT għada tgħid li f'postijiet kummerċjali għandhom ikunu 70% u 30%. Il-kunsill baqa jinsisti li kull triq għandha tkun l-istess b'50% u 50% u ma tkunx ħaġa ġusta li nibdew b'uħud mit-toroq u residenti oħra jibqgħu b'xejn. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv informa li l-kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qalu li ċ-ċitazzjonijiet li qegħdin jingħataw minħabba t-tabelli li hemm f'kull lokalita' dwar l-iskema riżervata mhumiex legali. Il-kunsill iddeċieda fid-dawl ta' dan li xorta waħda għandu jipproċedi bl-applikazzjoni.

3.6 Talba mis-Soċjeta' Mużikali San Girgor għall-attivita' ta' Lejla Malitija fid-29, 30 u 31 t'Awissu, 2008. Il-kunsill qabel ma' din l-attivita` bil-kundizzjoni li jżommu nadif u li ma' jħallux l-iskart ta' l-ewwel ġurnata matul il-lejl, mużika tinżamm baxxa u sal-Ħdax ta' filgħaxija. Jekk il-kundizzjonijiet ma jinżammux ma' l-ewwel ġurnata, awtomatikament iaqgħu l-permessi tal-ġranet l-oħra. Fuq dan il-punt il-kunsill irrimarka wkoll dwar l-iskart li qiegħed jitħalla wara kull attivita' li ssir fiċ-ċentru parrokkjali.

Is-Socjeta` Mużikali San Girgor talbu wkoll għall-permess li jitpoġġew siġġijiet matul il-*promenade* għal meta jkun se jingħata l-logħob tan-nar kif ukoll bar żgħir fuq il-*promenade* u bar ieħor fil-ġnien matul il-festa, kif ukool siġġijiet matul il-*promenade*. Il-kunsill ma' sabx oġġezzjoni għal dan la darba jitħalla l-aċċess għall-pubbliku.

3.7 Talba minn għand Mario Meli sabiex issir attivita' fis-27 u fit-28 ta' Settembru, 2008 għal *special olympics day*, b'riżq persuni b'diżabilita'. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.8 Korrispondenza mis-Sur Simon Camilleri fejn issuġġerixxa li l-kunsill għandu jagħmel *bye laws* dwar il-BBQs li qegħdin issiru ta' spiss f'Tas-Sliema. Fil-kunsill ġie nnotat li fejn ipprovaw isiru *bye laws* f'kunsilli oħra u ma rnexewx. Il-kunsill qabel li għandu jkun hemm aktar *patrolling* ta' gwardjani lokali fejn jaraw li n-nies mhux qegħdin iħammġu, u javżawhom sabiex jiġbru l-iskart.

3.9 Korrispondenza mis-Sur A. Critien fejn ilmenta li kienet saritlu ħsara quddiem ir-residenza tiegħu 185, Triq Rudolfu, meta kien sar ix-xogħol, filwaqt li ppreżenta stima ta' Euro 1048.22 ta' din il-ħsara. Il-kunsill qabel li din għandha ssir u titħallas mil-kunsill.

3.10 Għat-talbiet għar-*reserved parking*, il-kunsill qabel li għandħa tingħata lil:

Rif 133 Triq il-Katidral

Filwaqt li jingħatawx lil:

| | |
|---|---|
| Rif: 134 | Triq Parisio |
| Rif: 135 | Triq Mrabat |
| Rif: 136 | Triq Dun Karm Psaila |

3.11 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-applikazzjoni PA 3374/08 li kienet saret mis-Sur A. Xuereb għan-nom ta' AX Holdings li tikkonċerna xi tqegħid ta' planters u tibdil fil-bankina biex jiġi konformi ma' l-enforcement notice. Is-segretarju eżekuttiv kien bagħat

korrispondenza lil MEPA skond id-deċiżjonijiet meħuda mil-kunsill. Din il-korrispondenza kienet intbagħtet ukoll permezz ta' *email* lill-kunsilliera kollha.

3.12 Korrispondenza tal-kunsillier M. Briguglio fejn staqsa għalfejn it-*tunnel* ta' Tigne għadu ma nfetaħx. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li kien bagħat lis-Sur David Sutton, fejn kien staqsieh li għandha ssir laqgħa mal-kunsill u l-Qui-si-sana Association qabel ma jinfetaħ t-*tunnel* biex jiġi diskuss l-immaniġġjar tat-trafikku. Il-kunsill qabel ukoll li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lic-Chairman ta' l-ADT.

Saret rifernza hawnhekk mis-sindku li ġiet infurmata minn shop owner li l-bankina ta' triq ta' Triq it-Torri se titwessgħa u li Triq Bisazza se tiġi *pedestrianised* u li huma ma jaqblux. Dwar dan is-Sindku qalet li diġa nfurmat lill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura li l-kunsill kien diġa ħa deċiżjoni li din m'għandiex issir u li l-kunsill għandu jiġi kkonsultat dwar il-passi li jkunu se jittieħdu.

3.13 Talba għall-kummenti tal-kunsill mill-*Lands Department* għal talba għal permess għall-imwejjed u s-siġġiiet fix-Xatt għall-Pebbles fix-Xatt. Il-kunsill qabel bil-kundizzjoni li għandu jħallas l-arrettrati ta' kemm l-imwejjed u s-siġġijiet ilhom hemm bla permess.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi u l-kunsillier M. Debono ġew skużati li jitilqu mis-seduta fis-6.30pm.*

3.14 Talba mis-Sur Mario Dingli sabiex il-parti ta' Triq Depiro li tagħti għal Triq Sir Adrian Dingli ma' Triq Nathalie Poutiatin issir 'No Entry' min-naħa ta' Triq Sir Adrian Dingli. Il-kunsill qabel li għandu jitlob *site plan* fejn wara tiġi mressqa lill-ADT.

3.15 Talba mis-Sur Alfred Dimech sabiex issir *rubber sleeping policeman* fi Triq Sir Adrian Dingli. Il-kunsill ma qabilx ma' dan minħabba li ħadd ma jkun irida quddiem ir-residenza tiegħu minħabba l-istorbju.

3.16 Il-kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li hemm bżonn jingħata *resurfacing* fi Triq Sant'Neriku u f'partijiet ta' triq il-kulleġġ l-antik, minħabba li huma fi stat diżastruż.

*Il-kunsillier M. Briguglio ġie skużat milli jitlaq mis-seduta fis-6.40pm.*

3.17 Korrispondenza mis-Sur Charles Grech sabiex issiru żewġ *sleeping policemen* fi Triq Sir Adrian Dingli. Il-kunsill diġa staqsa lill-ADT sabiex issir *pedestrian crossing* fin-naħa ta' fuq ta' tliet siġriet.

3.18 Il-kunsill qabel li għandu jerġa jinnomina lis-Sinjura Helen Abdilla għall Anzjan tas-Sena 2008.

3.19 Ilment mis-Sinjura Maria S. Psaila fejn irrimirkat li saritilha ħsara quddiem ir-residenza 60A Triq Amery fejn qegħda titlob li tissewwa mil-kunsill. Din it-triq ilha li saret diversi snin ilu. Il-kunsill ma' laqax din it-talba.

3.20 It-talba mingħand is-Sur Michael Tabone sabiex jitpoġġa apparat għal *Bungee Trampolines* f'Tas-Sliema ma' intlaħqietx mil-kunsill.

## 4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera

4.1 Il-viċi sindku reġa rrimarka dwar is-servizz ħazin li qiegħed jingħata mit-*Transline* għall-ġbir ta' l-iskart. Is-segretarju eżekuttiv qal li kull ilment qiegħed isirlu kemm bil-miktub kif ukoll bit-telefon. Il-kunsill qabel li għandu jitnaqqasslu 10% mil-kont ta' Lulju, 2008.

4.2 Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis reġa fakkar li t-tarmac fi Triq Carmel ma' Triq Santa Marija għadu ma sarx.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti

Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 9651 sa 9722, minbarra ċekk numru 9689 f'isem Transline Co. Ltd, li jrid jiġi kkanċellat u jitħallas b'għaxar fil-mija inqas skond punt numru 4.1 ta' din is-seduta. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis issekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, il-kunsilliera M. Aquilina, N. Dimech u J. Galea approvaw l-pagamenti b'mod unanimu.

## 6. Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-7pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**